# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju 2019**

**Numru 29**

**Rikors numru 36/07 AE**

**Rosaria Pintley bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Paul Pace**

**v.**

**Noel Sciortino u Elmo Insurance Limited (C 3500)**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-3 ta' Marzu 2014 illi ghall ahjar intendement qed tigi riprodotta;

> "Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-11 ta' Jannar 2007 l-attrici nomine qeghda titlob id-danni wara li fl-24 ta' Awissu 2004 Paul Pace kien involut f'incident tat-traffiku li sehh f'Mdina Road, Qormi, meta kien passiggier fil-vettura Toyota Hilux FBM871 misjuqa minn Redentur Pintley, u habtet fil-vettura Fiat Punto numru KBE 193 misjuqa minn Noel Sciortino. Ghall-incident hu responsabbli Noel Sciortino minhabba

traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

"Permezz ta' twegiba prezentata fit-23 ta' Ottubru 2007 (fol. 49) il-konvenuti wiegbu li:-

"1. Qatt ma kien hemm opposizzjoni min-naha tal-konvenuti sabiex favur il-mandant tal-attrici nomine jigu likwidati u jekk ikun il-kaz isir eventwali hlas ta' danni minnu attwalment u materjalment sofferti b'rizultat tal-incident in kwistjoni.

"2. Id-divergenza kienet dwar l-effetti li l-incident kellu fuq l-istat ta' sahha ta' Paul Pace.

"3. Jispetta lil Paul Pace li jaghti prova tan-natura tad-danni li sofra.

"4. Il-konvenuti m'ghandhomx ibatu spejjez ghaliex il-kumpannija konvenuta kienet disposta li tasal ghal likwidazzjoni ta' danni qabel giet prezentata l-kawza.

"5. Ma kienx hemm prova sodisfacenti tad-danni li Paul Pace garrab b'rizultat tal-incident.

"F'dan il-kaz hemm ammissjoni ghar-responsabbilta' dwar l-incident tat-traffiku li fih wegga' Paul Pace.

"Skond rapport imhejji mill-perit mediku Mr Frederick Zammit Maempel, Paul Pace qieghed isofri minn debilita' permanenti ta' 4% (fol. 119). Jirrizulta li Paul Pace ghandu nuqqas fil-moviment tal-ghaksa u wkoll ftit nuqqas ta' sensazzjoni fil-pala tas-sieq.

"Paul Pace twieled fil-5 ta' Marzu 1953 (fol. 6). Ghalhekk fid-data tal-incident kellu wiehed u hamsin (51) sena. Hu baqa' ma pprezentax dokumenti sabiex jaghti prova tad-dhul li kellu fiz-zmien meta sehh l-incident. Il-konvenuti jsostnu li ghalhekk il-kalkoli tal-qorti ghandhom ikunu fuq il-paga minima nazzjonali. Fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2013 Paul Pace xehed li meta sehh l-incident kellu qliegh ta' £20,000 fis-sena. Kompla jghid li wara li dahal lura ghax-xoghol kellu jahdem bhala telephone operator b'salarju ta' 18,000 fis-sena, u jidher li wkoll ghamel xi zmien ma jahdimx peress li l-kumpannija kienet kecciet il-haddiema. L-unici dokumenti li pprezenta huma dawk relatati mas-snin 2010 (£8,385), 2011 (£20,039), 2012 (£20,225.76) u 2013 (£20,604). Peress li Paul Pace baqa' ma pprezentax id-dokumenti ufficjali u meqjus dak li xehed fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2013, il-qorti ser taghmel il-kakoli fuq qliegh ta' £15,000 (€18,227)[1]. Fl-Ingilterra l-eta'

[1] Dan meqjus li l-attur ma pprezentax dokumenti dwar qliegh li kellu bejn l-2004 u l-2009. Paul Pace xehed: *"I had been employed with T & S Surgical for 37 years. Then I had a break of 4 years. We were taken over by a larger company and they made us all redundant."*. Seduta tas-27.11.2013).

pensjonabbli hi ta' 65 sena. Illum Paul Pace ghandu 61 sena. Il-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq 12 il-sena.

"**€18,227 x 12 il-sena = €218,724 x 4% = €8,748.96**

"Billi mid-data tal-incident ghaddew ghaxar (10) snin, il-qorti m'hijiex tal-fehma li ghandu jsir xi tnaqqis talli ser jircievi l-hlas f'daqqa. Id-difensur tal-konvenuti argumentat li l-mod kif l-attur kaxkar saqajh fil-gbir tal-provi ghandu jigi wkoll rifless fit-tnaqqis ghal *lump sum payment*. Il-qorti ma taqbilx meta tqies li l-hlas ser ikun qieghed jircevih kwazi ghaxar (10) snin wara l-incident. Bhala regola t-tnaqqis isir peress li l-attur ikun ser jircievi parti mid-danni, kalkolati bhala telf ta' qliegh, qabel iz-zmien, meta jkun ghad hemm element ta' incertezza. F'dan il-kaz din ic-cirkostanzi ma tezistix ghar-raguni fuq imsemmija. Ghalkemm il-kumpannija konvenuta tghid li kienet disposta tasal f'arrangament ma' Paul Pace, filwaqt li mill-atti hu evidenti li l-paritjiet kienu qeghdin minn zmien ghal zmien jinfurmaw lill-qorti li kien hemm possibilita' li jintlehaq ftehim, dan ma sehhx. Minkejja li l-kumpannija konvenuta qalet li kienet dejjem disposta ghal likwidazzjoni tad-danni, f'ittra datata 22 ta' Novembru 2006 (fol. 59), il-General Manager tal-kumpannija assiguratrici gharraf lid-difensur ta' Paul Pace li: *"As much as we are sorry that Mr Pace was involved in a motor accident in Malta it would appear that we cannot allow any compensation following this accident."*. Ghalhekk fic-cirkostanzi il-kumpannija konvenuta ma tistax tipprova tiehu xi vantagg billi tghid li kienet dejjem disposta tersaq ghal likwidazzjoni tad-danni. Dan apparti li fir-realta' hu fatt li l-gurisprudenza llum qeghda taghti l-kumpens lill-vittma rrispettivament jekk l-incident ikunx effetwalu l-qliegh tieghu mill-impjieg, u qeghdin f'sitwazzjoni fejn hafna drabi l-kumpens li qieghed jinghata mill-qrati hu ghall-injury li jkun sofra l-attur irrispettivament jekk din kellix effett fuq il-qliegh tieghu ghall-futur[2].

"Hemm ukoll is-somma ta' **€728.94** relatati mal-ispejjez tal-visti barra minn Malta u rapporti medici (fol. 31-32). Spejjez li l-attur ghamel minhabba l-incident li m'ghandu l-ebda tort fih.

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u filwaqt li tilqa' t-talbiet attrici tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici nomine s-somma ta' disat elef erba' mija u seba' u sebghin ewro u disghin centezmu (€9,477.90), bl-imghax mil-lum.**

"**Spejjez a karigu tal-konvenuti**."

[2] F'dan ir-rigward ara s-sentenza **Angela Bugeja vs Dominic Formosa** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri [Magistrat J. Demicoli] u l-gurisprudenza citata.

Minn din is-sentenza appella l-attur li qed jitlob zieda fl-ammont ta' danni likwidati mill-ewwel Qorti. Mill-atti tal-kawza ma jidhirx li l-appellati pprezentaw risposta izda naturalment fit-trattazzjoni tal-appell l-istess appellanti talbu li s-sentenza tigi kkonfermata. Ghandu jinghad mill-ewwel li s-socjeta` appellata u l-appellat ma kkontestawx ir-responsabilita` ghall-incident izda biss dwar id-danni sofferti mill-appellant u allura s-somma li kella tigi likwidata bhala tali.

**L-aggravju** infatti huwa wiehed u cioe` li l-ewwel Qorti zbaljat meta kkalkolat il-quantum tad-danni pagabbli fuq is-somma ta' 15,000 sterlina (18,927 euros) meta fil-fatt hu kien qed jaqla' s-somma ta' 20,000 sterlina u cioe` circa 24,000 euros.

Naturalment f'kawzi bhal din, kif spiss qalu l-Qrati taghna;

*Il-Qorti trid .. taghmilha cara illi f'kazi bhal dawn ma tezisti l-ebda formula magika specjalment meta l-akkadut ikollu konsegwenzi fatali.*

**(Turner v. Agius, Qorti tal-Appell 28 ta' Novembru 2003)**

Dan ghaliex kif gie spjegat diversi drabi, il-Qorti meta tigi biex tiddecidi kawza simili, qatt ma tista' tipprevedi tibdil fic-cirkostanzi tal-hajja tal-persuna mwegga'. Dan huwa rifless f'diversi sentenzi ta' din il-Qorti,

uhud minnhom riportati fis-sentenza **Brian Micallef v. Brian Tyre Services Limited** deciza fil-31 ta' Jannar 2014, minn din il-Qorti. Kif tghid l-awtrici **Vivienne Harpwood (Modern Tort Law")** (**ediz. 2009, pagna 438**):

> "*…. In an attempt to assess the appropriate sum which should be awarded for loss of future earnings, the courts gaze into the imaginary crystal ball, and try to make the award in the light of what might have been the claimant's future."*

Dawn il-hsibijiet huma riflessi anke f'sentenzi ta' din il-Qorti bhal **Gauci v. Bugeja (29 ta' Novembru 2009)** u **Caruana v. Camilleri (27 ta' Frar 2004)** u **Attard v. D'Amato (22 ta' Ottubru 2002).** Fl-ewwel sentenza msemmija intqal infatti illi *id-danni ghandhom jigu akkordati biex jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn id-dritt tad-danneggjat u l-obbligu tal-dannegjant. Tenut kont ta' dan isegwi illi l-working life expectancy ma ghandu qatt jigi, kif qatt ma gie konsiderat kollu ghall-fini tal-multiplier.*

F'dan il-kaz l-appellanti nomine lanqas ma hija qed tilmenta mill-mod kif inhadmet is-somma msemmija ghaliex qalet dan car u tond fir-rikors tal-appell izda biss fuq is-somma li fuqha kkalkolat id-danni kif gia spjegat. L-ewwel Qorti infatti rrimarkat li ghalkemm l-appellant xehed li fiz-zmien tal-incident kellu s-salarju fuq indikat, huwa naqas li jipprovdi dokumenti a sostenn ta' dan u ghalhekk iddecidiet li tikkalkola s-somma fuq salarju ta' 15,000 sterlina.

Fil-verita` mill-atti tal-kawza jirrizulta li filwaqt li l-appellant esebixxa dokumenti dwar is-salarju tieghu ghas-snin 2010, 2011, 2012 u 2013 (li jindikaw salarju ta' aktar minn 20,000 sterlina) huwa ma pprezenta ebda dokument dwar is-sena 2004 meta sehh l-incident u kull ma ghandha l-Qorti bhala prova hija l-kelma tieghu. Madankollu l-istess appellant xehed ukoll li wara l-incident kien ristrett fix-xoghol li kien jaghmel qabel u beda jaghmel xoghol iehor b'rizultat illi s-salarju tnaqqaslu. Jghid infatti a fol 137 tal-process*, I had to look for a sitting down job*.

Ghalhekk in vista ta' dan, din il-Qorti hija tal-fehma li dak li qal fix-xhieda tieghu hija verosimili u kwindi huwa kien qed jaqbad circa 20,000 sterlina (*gross* fi kliemu stess) fiz-zmien tal-incident. Huwa minnu li minn dan l-ammont kienet tithallas it-taxxa u l-kontribuzzjoni tas-Sigurta Socjali imma wiehed kien jipprevedi wkoll zieda fis-salarju ghas-snin futuri u ghalhekk kien gust li wiehed jikkalkola s-somma pagabbli fuq dhul ta' 18,000 sterlina minflok 15,000 sterlina u allura fuq is-somma ta' 21,880 euros. Kif mahdum mill-ewwel Qorti, 21,880 ghal tnax il-sena bl-4 fil-mija wiehed jasal ghas-somma ta' 10,502 euros li in aggunta ma' 728,94 *damnum emergens*, jaghmlu total ta' 11,231.34.

L-imghax fuq is-somma likwidata u pagabbli lill-atturi appellati ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata kif deciz minnha; dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi ricenti ta' din il-Qorti - ara per ezempju

**Vassallo v. Camilleri** deciza minn din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2014) fejn giet ukoll citata s-sentenza **Turner v. Agius** (Appell - 28 ta' Novembru 2003).

> *"Dwar id-dekorrenza tal-imghax, il-Qorti irriteniet illi l-imghax fejn it-talba kienet 'da liquidare' ma kellux jghaddi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni propju minhabba l-principju 'in liquidandis non fit mora'. Il-Qorti ziedet pero li l-imghax kellu jghaddi mid-data tal-ewwel sentenza peress li f'dak il-mument il-konvenut kellu ideja tac-cifri involuti izda kien naqas milli jiddeposita ebda parti mill-ammont ta' danni sabiex jezimi ruhu mir-responsabilita`."*

**DECIZJONI**

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqghu u filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza kompriz il-kap tal-ispejjez, tikkundanna l-konvenuti flimkien u solidament bejniethom ihallsu s-somma ta' 11,231.34 euros (hdax il-elf, mitejn wiehed u tletin euro u erba' u tletin centezmu) lill-attur bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza appellata.**

**L-ispejjez tal-appell jithallsu wkoll mill-konvenuti.**

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm